# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis sebgha u ghoxrin (27) ta' April 2017**

**Rikors Numru 194/14 FDP**

**Express Aluminium Limited**
**(C 6658)**

**vs**

**John Farrugia (ID 683755M) li l-atti tieghu gew assunti minn Caterine Farrugia permezz ta; digriet datat 27 ta' Jannar 2016 wara il-mewt tieghu u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2014 gie kjamat in kawza Raymond Buhagiar**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur datat 3 ta' Gunju 2014 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' tmint elef, sebgha mija u sebgha u sittin Euro u tnax-il centezmu (€8,767.12) rappresentanti l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u tmenin Euro (€4,684) bhala bilanc ghal xoghol ta' aperturi ta' aluminium fi blokka bini gewwa Triq Sliema, Gzira, ezegwit fuq inkariku ta' l-intimat u erbat elef, tlieta u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€4,083.12) bhala VAT.

Rat ir-risposta ta' John Farrugia ippresentata fis 17 ta' Lulju 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminariament s-socjeta attrici ma inghatat ebda inkarigu da parte tal-esponent u b'hekk ma tezisti 1-ebda relazzjoni guridika bejn l-istess socjeta attrici u 1 esponent.

2. Illi dwar il-blokka bini fi Triq Sliema, Gzira 1-esponent inkariga biss lill certu Raymond Buhagiar detentur tal-karta tal-identita' numerata 13425M sabiex jesegwixi xogholijiet ta' miljoramenti u b'hekk ir-relazzjoni guridika tal-esponent tezisti biss mal-imsemmi Raymond Buhagiar izda mhux mas-socjeta' attrici. In effetti 1-hlas in konnessjoni ma' dawn l-istess xogholijiet rezi f'din il-blokka dejjem sar lil Raymond Buhagiar.

3. Illi ghalhekk 1-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici stante li hu fl-ebda hin u waqt ma dahal f'xi trattattiv mal-istess soqeta' attrici u b'hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, skont 1-ahhar statement mahrug mis-socjeta attrici jirrizulta li 1-bilanc li kellha tircievi s-socjeta' attrici kien fis-somma ta' erbat'elef sitt mija erbgha u tmenin Ewro (€4,684) liema bilanc gie mhallas direttament lil Raymond Buhagiar salv ghas-somma ta' mija u ghoxrin Ewro (€120) peress li 1-imsemmi Raymond Buhagiar naqas milli jiggustifika dan 1-ammont.

5. Illi minghajr ebda pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq espost, is-somma pretiza ta' erbat' elef tlieta u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€4,083.12c) rapprezentanti VAT hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dina 1-kawza. Tant hu hekk illi hekk kif jirrizulta mill-ittra ufficcjali datata 14 ta' April 2014 din is-somma ma tiffigura mkien u kien permezz ta' dan 1-avviz illi s-socjeta attrici qanqlet din il-pretensjoni.

6. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kull ammont pretiz huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra 1-istess socjeta' attrici.

7. Illi wkoll minghajr pregudizzju, is-socjeta’ attrici ghandha tressaq prova sodisfacenti ghal kull ammont reklamat minnha.

Rat illi fit 13 ta’ Ottubru 2014, fuq talba tas-socjeta rikorrenti mhux opposta mill-intimat, gie kjamat in kawza Raymond Buhagiar.

Rat illi wara illi Raymond Buhagiar gie notifikat bl-affisjoni u pubblikazzjoni, fit 12 ta’ Marzu 2015 huwa ma deherx biex iressaq xi difiza.

Rat l-affidavits ta’ **John Bonnici**, **John Camilleri**, **Roderick Attard**, u **Carmelo Borg**, lkoll ppresentati mis-socjeta rikorrenti fit 23 ta’ April 2015 flimkien ma’ dokumentazzjoni annessi mal-affidavit ta’ John Bonnici.

Rat illi fit 12 ta’ Ottubru 2015 il-Qorti giet mgharrfa illi l-intimat John Farrugia kien miet u ghalhekk kien jenhtieg illi ssir il-legitimazzjoni tal-atti.

Rat illi fit 13 ta’ Jannar 2016 l-atti ta’ l-intimat John Farrugia gew trasfuzi ghal fuq martu Catherine Farrugia.

Rat illi fit 28 ta’ Jannar 2016 is-socjeta rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta.

Rat illi fis 7 ta’ April 2016 il-Qorti giet infurmata minn Catherine Farrugia illi riedet tittransigi l-kawza izda, fis 7 ta’ Lulju 2016 giet mgharrfa illi tali transazzjoni ma ntlahqietx.

Rat id-dokumentazzjoni esebita minn Catherine Farrugia fis-7 ta’ Lulju 2016.

Semghet ix-xhieda ta’ **Maria Bugeja**, segretarja tal-mejjet John Farrugia, prodotta mill-intimata Catherine Farrugia u moghtija fid 19 ta’ Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta’ John Camilleri moghtija fid 19 ta’ Jannar 2017.

Rat illi fid 19 ta' Jannar 2017 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi bhala maghluq.

Rat is-sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentati fit 23 ta' Frar 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta' Catherine Farrugia ippresentati fis 27 ta' Marzu 2017.

Rat illi fis 27 ta' Marzu 2017 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti kienet ghamlet xoghlijiet gewwa l-blokka bini 247 Court, illi tistab kantuniera bejn Triq Sliema u Triq Edgar Bernard gewwa l-Gzira lis-sidien ta' tali blokka, ossija Polidano Brothers.

Jirrizulta illi sussegwentement tali binja inxtrat minn l-intimat John Farrugia.

Jirrizulta illi, mument minnhom, John Bonnici, direttur tas-socjeta rikorrenti, kien avvicinat mill-kjamat in kawza Raymond Buhagiar u mgharraf illi huwa kien qed ikellmu ghan-nom ta' John Farrugia u kienu xtaqu illi s-socjeta rikorrenti taghmel xi xoghlijiet fl-istess bookk fejn kienu gia hadmu ghal Polidano, peress illi kien ghogbhom ix-xoghol.

Jirrizulta illi Bonnici ghamel stima tax-xoghlijiet illi kellhom isiru u, wara illi tali stimi gew negozjati ma' Raymond Buhagiar, ftehmu illi jsiru x-xoghlijiet fil valur totali ta' ghoxrin elf Euro, eskluz il-VAT.

Jirrizulta illi x-xoghlijiet kollha saru, inkluz xoghlijlet addizzjonali illi tellghu l-kont eskluz il-VAT ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u erbgha u tmenin euro (€22,684).

Jirrizulta illi, nel frattemp, saru wkoll erbgha pagamenti akkont b'total ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) fi hlasijiet, illi kien jinkludi wkoll pagament ta' tlett elef Euro (€3,000) minghand l-intimat John Camilleri personalment (fol 31).

Jirrizulta illi ghalhekk kien ghad fadal bilanc ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u tmenin Euro (€4,684) li kien ghad fadallu x'jithallas.

Jirrizulta illi John Bonnici beda jikkuntattja lill Raymond Buhagiar sabiex isir il-hlas, fejn Buhagiar kien jghidlu illi l-intimat kien marid u kien imsiefer minhabba f'mard izda kien ser ihallas dalwaqt.

Jirrizulta illi, nelfrattemp, l-Amministratur tas-socjeta rikorrent, John Camilleri, kien ikkomunika ma' John Farrugia direttament, u meta staqsieh dwar il-pagament, Farrugia gharrfu illi kien ghadda l-flejjes kollha lill Buhagiar ghal pagament lilhom, u ghalhekk huwa ma kellux flus aktar x'jaghti.

Jirrizulta, di fatti, minn dokumentazzjoni ppresentata minn Catherine Farrugia, illi fil 15 u 23 ta' Jannar 2013 rispettivament, John Farrugia kien ghadda zewgt pagamenti ta' elfejn hames mija u erbgha u sittin Euro (€2,564) u elfejn Euro (€2,000) rispettivament, b'total ta' erbat elef, hames mija u erbgha u sittin (€4,564) sabiex dawna jinghaddew lis-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta, izda, ill ghalkemm l-ewwel pagament ta' elfejn hames mija u erbgha u sittin Euro (€2,564) issarraf minn Raymond Buhagiar, ebda mill-pagamenti ma inghaddew lis-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta wkoll illi, ghalkemm notifikat bil-proceduri odjerni, Raymond Buhagiar baqa' qatt ma deher quddiem il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza ta' l-intimat John Farrugia, sussegwentement trasfuzi f'isem Cathering Farrugia, wara illi mewt ta' l-istess John Farrugia, kienu principalment tlieta: Illi ma kellu ebda relazzjoni kontattwali mas-socjeta rikorrenti u ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju peress illi ma kienx il-legittimu kontradittur; illi huwa ghadda l-flejjes kollha dovuti lill Raymond Buhagiar; u illi l-VAT qatt ma kien msemmi fil-konteggi tas-socjeta rikorrenti.

Dwar l-ewwel difiza, il-Qorti tosserva illi hareg car mill-provi prodotti, partikolarment ix-xhieda prodotti mis-socjeta rikorrenti kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita mill-intimata a fol 59 sa 61, illi John Farrugia kien ben a korrent tal-fatt illi s-socjeta rikorrenti kienet ghamlet xoghlijlet fil-blokka ta' appartamenti tieghu, tant illi kien ghamel cekk personali hu direttament lis-socjeta rikorrenti ta' tlett elef Euro (€3,000) fit 8 ta' Awissu 2012 kif ukoll, fid-dokumentazzjoni in sostenn ta' l-argument illi l-pagamenti kienu saru lill Buhagiar, jidher car illi l-pagamenti kellhom jinghaddew lis-socjeta rikorrenti, indikazzjoni cara illi l-intimat kien jaf illi keinu saru xoghlijiet ghall-blokka ta' appartamenti tieghu.

Ghalhekk, l-argument illi l-intimat ma huwiex il-legittimu kontradittur ma jsibx bazi legali.

Dwar it-tieni difiza, il-Qorti tosserva illi, ghalkemm huwa minnu illi gew esebiti dokumentazzjoni li juru li apparentement l-intimat John Farrugia kien ghadda flejjes fl-import totali ta' erbat elef, hames mija u erbgha u sittin (€4,564) sabiex dawna jinghaddew lis-socjeta rikorrenti, jirrizulta ippruvat illi tali pagamenti ma inghaddewx lis-socjeta rikorrenti, u ghalhekk id-debitu illi huwa kellu mas-socjeta rikorrenti kien ghadu ma giex saldat.

Ghalhekk, filwaqt illi tifhem illi l-intimat Farrugia seta attwalment ghadda l-flejjes biex tithallas is-socjeta rikorrenti, jibqa l-fatt illi s-socjeta rikorrenti qatt ma rceviet tali flejjes, u ghalhekk it-tieni difiza ma tistax tintlaqa.

Finalment, dwar it-tielet u l-ahhar difiza, l-intimat jikkontendi illi l-VAT qatt ma kien ikkontemplat fix-xoghol pprovdut mis-socjeta rikorrenti. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-istatement esebit mis-socjeta rikorrenti a fol 28 tal-process, fejn jidher car illi l-VAT kien imnizzel u kkunsidrat wkoll. Apparti minn hekk, ma jista jkun hemm ebda dubju illi fuq tali tip ta' servizz kellu jithallas il-VAT, ghal liema VAT is-socjeta rikorrenti eventwalment trid tohrog ir-rivevuta fiskali relattiva.

Ghalhekk, tali difiza ma tregix lanqas.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk,

**Tillikwida** l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti mill-intimata w l-kjamat in kawza in solidum bejniethom fis-somma ta' tmint elef, sebgha mija u sebgha u sittin Euro u tnax-il centezmu (€8,767.12) rappresentanti l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u tmenin Euro (€4,684) bhala bilanc ghal xoghol ta' aperturi ta' aluminium fi blokka bini gewwa Triq Sliema, Gzira, ezegwit fuq inkariku ta' l-intimat u erbat elef, tlieta u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€4,083.12) bhala VAT.

**Tikkundanna** lill-intimata w l-kjamat in kawza in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tmint elef, sebgha mija u sebgha u sittin Euro u tnax-il centezmu (€8,767.12) filwaqt illi

**Tordna** lis-socjeta rikorrenti sabiex, hekk kif isir il-hlas, tohrog ricevuta fiskali lill-intimata fl-import ta' erbat elef, tlieta u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€4,083.12) bhala VAT dovut.

Spejjez tal-proceduri odjerni, kemm tas-socjeta rikorrenti kif ukoll ta' l-intimata, ghandhom ikunu kollha a kariku tal-kjamat in kawza Raymond Buhagiar.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur